MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2007

Citazzjoni Numru. 375/2006

Kawza fil-lista: 64

**A B**
**vs**
**L-Avukat Dottor Mark Busuttil u l-Prokuratur Legali Victor Bugeja nominati kuraturi deputati fit-28 ta' Novembru 2006 biex jirrapprezentaw lill-assenti C D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

1. Illi l-partijiet kienu resqu ghal cerimonja taz-zwieg bejniethom f' Malta fis-sebgha ta' Dicembru tas-sena elf disa' mija disgha u disghin (07/12/1999), liema zwieg gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta bl-Att taz-Zwieg li

jgib in-numru elfejn mija wiehed u hamsin ta' dik is-sena (2151/1999); (Dokument A)

2. Illi minn dana z-zwieg ma twieldux tfal;

3. Illi b' din ic-cerimonja effettivament ma nholoqx kuntratt validu ta' zwieg u dan peress:

3.1. Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha;
3.2. Illi l-kunsens tal-partijiet kien inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew wahda aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;

4. Ghalhekk, l-imsemmi zwieg huwa null skond it-termini tal-artikolu 19(1)(d) u/jew (f) tal-Att XXXVII tal-1975 li jirregola z-zwigijiet.

Ghar-ragunijiet premessi, ir-rikorrenti umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:

Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn ir-rikorrenti u l-intimat fis-sebgha ta' Dicembru tas-sena elf disa' mija u disgha u disghin (07/12/1999), huwa null u bla effett ghall-finijiet kollha tal-ligi u taghti dawk il-provvedimenti kollha l-ohra li jkunu opportuni f' dan ir-rigward;

Bl-ispejjez kontra l-intimat li huwa ngunt sabiex jidher in subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati li biha eccepew li huma m' humiex edotti mill-fatti tal-kaz u rrizervaw li jipprezentaw nota ta' l-eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat l-affidavit prezentat mill-attrici;

Semghet ix-xhieda bil-guramentl

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat fis-7 ta' Dicembru 1999 mal-konvenut assenti huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet jinsab vizzjat fit-termini ta' l-ewwel parti tal-paragrafu [d], u tal-paragrafu [f] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255.

Illi l-Qorti semghet lill-attrici tiddeponi.

Mill-provi jirrizulta li fis-7 ta' Dicembru 1999 l-attrici, cittadina maltija, izzewwget lill-konvenut assenti, cittadin marokkin, wara perijodu qasir li kienu ilhom jafu lil xulxin u meta allura l-attrici kellha 19-il sena u l-konvenut kellu 34 sena. Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal; u wara konvivenza matrimonjali ta' ftit xhur il-konvenut kecca lill-attrici mid-dar konjugali u b' hekk il-partijiet isseparaw de facto. Sussegwentement, l-attrici bniet relazzjoni ma' ragel iehor, li ghadha mieghu sallum, u li minnu harget tqila.

L-attrici tispjega li meta kienet iltaqet mal-konvenut, hija kellha tarbija minn ragel iehor u kienet ukoll fi stat avvanzat ta' tqala minn terz li mhuwiex mill-assenti. Hija kienet izzewwget bl-iskop li jkollha ragel li jkun jista' jiehu hsiebha u lit-tfal taghha, stante li ma kienit fil-posizzjoni li tohrog tahdem; izda wara z-zwieg, il-konvenut ma zammx il-kelma tieghu, u filwaqt li ma kienx jahdem u kien jghix fuq il-beneficju socjali, ftit xhur wara z-zwieg huwa kecca lill-attrici bit-tfal taghha mid-dar. L-attrici tghid li huwa qatt ma wera l-interess li jghix il-hajja mizzewwga maghha.

Mill-premess tikkonfigura b' mod manifest l-eskluzjoni posittiva da parti tal-konvenut assenti li jghix il-hajja matrimonjali ma' l-attrici, u jidher li minn naha tieghu z-zwieg odjern kien wiehed ta' konvenjenza u <u>xejn aktar</u>. Il-mod kif dana tratta ma' l-attrici waqt il-konvivenza matrimonjali qasira, u eventwalment kecciha minn daru, juru li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali tieghu huwa eskluda b' att posittiv tal-volonta' tieghu z-zwieg in-nifsu.

Dan premess u kkunsidrat, il-Qorti hija tal-fehma li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt fit-termini tal-artikolu 19[1][f] tal-Kap.255 attribwibbli unikament lill-konvenut assenti.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fis-7 ta' Dicembru 1999.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati mill-konvenut assenti, izda dawk relattivi ghal kuraturi deputati ghandhom jithallsu provvizorjament mill-attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------